

Brussell, 19 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7681/19

AGRILEG 64
DENLEG 42

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	D060408/02 - ST 6924/19 + ADD 1
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... Ta' XXX li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 579/2014 li jagħti deroga minn ċerti dispożizzjonijiet tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-trasport taż-żjut u x-xaħmijiet likwidi bil-baħar <i>- Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni</i>

1. Fis-26 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni ppreżentat għal skrutinju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill l-abbozz ta' Regolament imsemmi hawn fuq (ST 6924/19 + ADD 1) f'konformità mal-Artikolu 5 bis (3)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE li ttipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni.
2. Il-Grupp ta' Ħidma ta' Kunsillieri għall-Agrikoltura, permezz ta' proċedura informali bil-miktub (WK 2864/2019, WK 3917/2019), qies li ma hemm l-ebda raġuni għalfejn il-Kunsill għandu jopponi l-adozzjoni tal-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden:
- jikkonferma l-qbil milħuq mill-Grupp ta' Ħidma, u
 - jirrakkomanda lill-Kunsill biex jikkonferma, bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu, li ma hemm l-ebda raġuni għalfejn għandu jopponi l-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni msemmi hawn fuq.
-